Minuti tat-tnejn u sebgħin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar il-Ħamis 01 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ | Sarah Camilleri |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużat: | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti (70/7 – 06/07/2016)
2. Punti mqajma mill-Minuti
3. Komunikazzjoni mis-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera
4. Korrispondenza
5. Rapport tal-Perit tal-Kunsill dwar il-maqgħad tal-ilma fi Triq Birżebbuġa, il-Gudja
6. Ħatra ta' Bord – Aġġudikazzjoni tal-offerti (01/16 Accountancy, 02/16 Concrete, 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)
7. Ħatra ta' Kumitat tal-Finanzi għall-Kunsill Lokali tal-Gudja.
8. Lista ta' pendenzi u proġetti pendenti
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti
10. Aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa, il-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Baldacchino ma setax jattendi minħabba li kien indispost u talab li jiġi skużat. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li s-Sur Baldacchino jiġi skużat għal kull buonfini ta' liġi u proċedura u li din assenza tiġi konsiderata valida li ma ttellifx il-ħdim tal-onorarja kif kontemplata fil-liġi.

**1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti (70/7 – 06/07/2016)**

1.1 Dawn il-minuti ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel din il-laqgħa u b'mod unanimu kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija.

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**2.0 Punti mqajma mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm punti li tqajmu dwar dawn il-minuti numru 70/7.

**3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera**

3.1.0 Sindku

3.1.1 Laqgħa mat-TM. Is-Sindku qal li kellu żewġ laqgħat mat-TM fejn ġie diskuss aspetti ta' mmaniġġjar tat-traffiku sabiex jonqos u possibbilment jiġi eliminat ir-riskju speċjalment fi Vjal it-Torri, l-inħawi f'Tal-Mitħna u fi Triq il-Kbira (speċjalment fil-parti d-dejqa).

Is-Sindku qal li għamel enfasi dwar il-ħtieġa li l-proġett magħruf bħala r-*ring road* għandu jitkompla u jitlesta peress li fadal biss ftit metri ta' toroq sabiex il-proġett jingħaqad u jitlesta. Din ir-*ring road* tħares il-qalba tar-raħal u t-traffiku jkun jista' jimxi bla tfixkil u r-residenti tal-Gudja (speċjalment fil-qalba tar-raħal) jeħilsu minn arja ħażina u riskju għal ħajjithom li kuljum jiffaċċjaw mit-traffiku li jkun dieħel u ħiereġ mill-Gudja.

Is-Sindku qal ġiet diskussa wkoll iż-*zebra crossing* li hemm fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sindku qal ukoll illi waqt dawn il-laqgħat huwa talab lit-TM sabiex tkompli bankina li tidher li bdiet min-naħa ta' Ħal Għaxaq għal madwar Palazzo d'Aurel peress li l-parti d-dejqa tal-bankina li hemm fil-preżent hija ta' riskju għal dawk li jiffrekwentaw l-inħawi anke għall-mixjiet tagħhom.

F'dan l-istadju s-Sur Caruana filwaqt li qabel li din il-parti tal-bankina għandha titwessa mingħajr ma toħloq ostaklu, qal ukoll illi l-*u-bars* li twaħħlu fuq in-naħa ta' Palazzo d'Aurel fil-bidu ta' Vjal it-Torri, xejn ma jixirqu li jkunu qrib bini hekk ta' importanza storika u parti mill-wirt kulturali u storiku tal-Gudja.

Dwar iż-*zebra crossing* fi Vjal it-Torri s-Sur Sammut stqarr li fil-kommunikazzjoni tagħha Sa. Spiteri qalet li s-Sindku qal li *ż-zebra crossing* bid-dawl magħha tiswa €50,000.

Is-Sur Sammut staqsa lis-Sindku minn fejn ġiet din il-figura ta' €50,000.

Is-Sindku wieġeb li huwa ma semmiex din il-figura iżda qal biss li l-ispiża hija kbira sabiex tagħmel *zebra crossings* bid-dawl kif meħtieġ.

Is-Sindku qal li issa jmiss li uffiċjali tal-TM jiġu fuq il-post sabiex jaraw dak meħtieġ dwar immaniġġjar tat-traffiku u s-sigurtà fit-toroq ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Caruana qal li tkun ħaġa tajba li l-Kunsilliera kollha jkunu infurmati dwar meta jkunu sejrin isiru dawn il-laqgħat sabiex wieħed jagħmel ħiltu li jattendi u jagħti l-kontribut tiegħu kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ġie stabbilit li l-Kunsilliera kollha jkunu avżati dwar dawn il-laqgħat.

3.1.2 Gabbani għall-Festa tar-Rużarju u taċ-Ċintura f'Ottubru 2016. Is-Sindku ppropona li dawn jibqgħu fuq kif ġie stabbilit fis-snin li għaddew. Il-Kunsill qabel li dak li kien miftiehem ikompli għaliex jidher li rnexxa u ma kienx hemm problemi. Il-gabbani tal-ikel jintramaw fi Triq San Mark (faċċata tal-iskola) u l-każini jingħataw ukoll permess li jarmaw f'Dawret il-Gudja.

Is-Sur Caruana qal li tkun ħaġa tajba li l-Kunsill jipprovdi *bins* speċjalment f'Dawret il-Gudja sabiex kemm jista' jkun tinżamm l-indafa.

Is-Sur Sammut qal jekk hemmx limitu dwar il-gabbani tal-ikel u tal-ġugarelli. Il-Kunsill ġie infurmat li l-limitu stabbilit huwa ta' tliet gabbana tal-ikel, waħda tal-ġugarelli u oħra tal-ġelat. Iżda jekk ikun hemm aktar applikazzjonijiet minn dak meħtieġ, issir polza u jkun hemm ukoll lok ta' lista ta' riserva jekk min jitla' jiddeċiedi li ma jiħux il-posta.

Ġie deċiż li f'Dawret il-Gudja jinħarġu biss permess għall-każini.

3.1.3 Servizz ta' tilqim dwar l-influwenza. Fuq proposta tas-Sur Caruana, il-Kunsill qabel illi peress li fil-Gudja hawn numru sabiħ ta' infermiera, il-Kunsill għandu jagħmel avviż li għandu l-ħtieġa ta' dan is-servizz u meta tingħata t-tilqima mill-Kunsill, is-servizz jingħata aktar minn infermier wieħed jew waħda u jkun hemm aktar effiċjenza u faċilità.

3.1.4 Proġett ta' tisbiħ fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jara li dan il-proġett jitwettaq mingħajr diffikultà għan-nies tal-Gudja speċjalment li dan il-Ġnien R. Caruana tant huwa popolari fix-xhur tas-Sajf.

Is-Sur Sammut qal li huwa importanti li l-partijiet tal-bankini u passaġġi jkunu sew u jinżammu sabiex il-pubbliku jkollu lok kemm minn fejn jgħaddi bla tfixkil kif ukoll fejn joqgħod fil-ġnien. Is-Sur Sammut qal li fil-ġnien hemm monumenti u għandhom ukoll jinżammu.

Il-Kunsill qabel li dawn il-monumenti għandhom jinżammu fil-ġnien u jiġu wkoll ikkurati kif ikun meħtieġ.

Is-Sur Sammut qal li għandu jkun hemm dawl sewwa u li tintuża sistema ta' enerġija alternattiva.

Is-Sindku qal li dwar dan diġà ġie diskuss mal-Perit li qed tieħu ħsieb il-proġett Sa. Claire Vassallo.

Is-Sur Caruana qal li peress li għall-festa ta' Santa Marija n-nar tal-art huwa ftit, għandhom ikun hemm toqob fil-proġett sabiex jitpoġġew l-arbli tan-nar. Is-Sindku oġġezzjona dwar dan u qal li dan il-punt jiġi diskuss dwar il-possibilità li jsir meta jinqala' x-xogħol. Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku għandu jiġi infurmat dwar din il-proposta u jekk jaqbel immexxu.

3.1.5 Monument ta' Raymond Caruana fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Sammut staqsa jekk dan il-monument hux sejjer jiċċaqlaq. Is-Sindku wieġeb li jekk jiċċaqlaq żgur li sejjer jibqa' f'post

prominenti fil-ġnien. Is-Sindku qal ukoll li sejjer ikun hemm restawr u manutenzjoni sewwa ta' dan il-monument.

3.1.6 Klabb tal-boċċi biswit il-klabb tas-St. Patrick's AC ħdejn il-Gudja United FC. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva ittra dwar dan il-lok sabiex jerġa' jiġi organizzat klabb tal-boċċi fil-Gudja. Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi ma hemmx proposta soda dwar dan il-lok. Il-Kunsill iddeċieda li peress li din il-proprjetà hija art tal-Gvern, meta l-Kunsill jiġi kkonsultat u jkollu proposta soda u dettaljata, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fl-aħjar interess tal-Gudja.

3.1.7 *Write-off* ta' €4,073.75. Is-Sindku qal li l-awdituri għamlu referenza dwar dan il-bilanċ. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel u ddeċieda li jagħmel *write-off* ta' €4,073.75 peress li dan l-ammont mhux dovut kif stabbilit mal-Awdituri.

3.1.8 Każijiet fl-Arbitraġġ. Pada Builders u Elmo Insurance. Is-Sindku qal li dawn il-każijiet jinsabu pendenti u qed jinstemgħu quddiem l-Arbitraġġ. Il-Kunsill iddeċieda li filwaqt li jagħti kull protezzjoni lil kull min min-naħa tal-Kunsill ikun qed jipproteġi l-interess tal-Kunsill, fil-każ tal-Pada, li peress li l-Pada qatt ma tat lill-Kunsill il-provi u evidenza dwar din it-talba li tiġġustifika li dan il-kont ta' €24,100.70 huwa dovut, il-Kunsill għandu jinsisti li għamel il-ħlas intier tal-Proġett tax-Xlejli u għalhekk it-talba tal-Pada mhux ġustifikata.

Dwar il-każ tal-Elmo Insurance, il-Kunsill għandu kull evidenza li dan il-każ ma ġarax fil-konfini tal-Gudja u għalhekk ma hemmx ġustifikazzjoni dwar din it-talba.

3.1.9 Każ dwar l-għalqa li minnha jinħaraq in-nar tal-ajru. Sa Grech staqsiet lis-Sindku dwar dan il-każ li ssemma fil-midja. Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill dejjem jixtieq li jintlaħaq ftehim li jirrispetta l-interess tal-partijiet kollha involuti, il-Kunsill mhux parti dwar dan il-każ u għalhekk ma hemm l-ebda azzjoni li tittieħed.

3.1.10 Każ quddiem l-Ombudsman – Mario Spiteri. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jinsisti li peress li s-Sur Spiteri abbanduna kompletament ix-xogħol fi Triq il-Kbira bi ħsara għar-reputazzjoni tal-Kunsill u għad-dannu tar-residenti, il-pretenzjoni tas-Sur Spiteri għandhom jitnaqqsu sewwa u mhux ġustifikati kompletament.

3.1.11 Laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar. CCTV €2,000. Is-Sindku qal li r-Reġjun wiegħed is-somma ta' €2,000 li jistgħu jintużaw faċċata ta' skips fejn jintefa' l-imbarazz u skart b'mod abbużiv.

Is-Sindku qal li dawn is-CCTV jeħtieġu d-dawl li jista' jkun hemm spejjeż kbar oħra. Is-Sindku qal li dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal skopijiet oħra bħal dawl fit-toroq.

Is-Sur Sammut qal li kien il-Kunsill stess li talab sabiex isiru CCTV sabiex fil-Gudja jkun hemm ambjent aħjar speċjalment fejn hemm l-iskips.

Is-Sur Caruana qal li filwaqt li jaqbel perfettament ma' dak li qal is-Sur Sammut, huwa qed jiġi infurmat li l-abbuż madwar l-iskips huwa kontinwu u għalhekk il-ħtieġa li tittieħed azzjoni hija ta' urġenza kbira u għandha tittieħed azzjoni b'mod immedjat.

Is-Sindku wieġeb li huwa diġà qed jieħdu passi billi jdur mal-ħaddiema u jiġbor skart, kif ikun irrappurtat iżda sejjer ukoll jitlob li l-l-fondi tar-Reġjun ikun għas-CCTV.

3.1.12 Estenzjoni tal-Librerija Ġ. Zammit. Is-Sindku ppreżenta l-permess u l-pjanta kif approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar iż-żewġt ikmamar (fil-preżent *store rooms*) fl-Iskola Primarja sabiex jiġu konverti fi spazju għal-librerija u possibbilment ikunu jistgħu isiru xi korsijiet tal-tagħlim matul il-ħajja.

Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jitlob lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni partikularment lis-Sa. Rosylnn Vella (Direttur Riżorsi) sabiex jiġi konkluż il-ftehim formali u wara jinbeda x-xogħol fuq l-estenzjoni tal-Librerija G. Zammit mingħajr ma jkun hemm tfixkil għall-iskola u tiġi vakata l-kamra li kienet preparata sabiex jsiru fiha tagħlim ta' matul il-ħajja u li fiha l-Kunsill kien nefaq madwar €10,000 f'attrezzi u rranġar kemm tal-kamra kif ukoll tat-*toilets* biswit il-kamra sabiex kemm l-għalliema kif ukoll it-tfal ma jkollhom x'jaqsmu xejn mat-*toilets* li jintużaw minn persuni li jiġu għat-tagħlim matul il-ħajja.

3.2.0 Viċi Sindku

3.2.1 Is-Sur Baldacchino kien skużat għal din il-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm temi għad-diskussjoni.

3.3.0 Kunsilliera

3.3.1 Mark Anthony Sammut

a. Xogħol ta' restawr fil-Kappella ta' Loretu. Is-Sur Sammut staqsa dwar ir-riżultat li kien qed jikseb il-Kunsill dwar fondi kemm mill-Gvern Ċentrali kif ukoll dwar fondi mill-Ewropa. Il-Kunsill ġie infurmat illi fil-preżent hemm ħidma fuq żewġ applikazzjonijiet waħda dwar fondi minn skema tal-Gvern Ċentrali u l-oħra minn fondi tal-Ewropa.

F'dan l-istadju l-Kunsill ħa nota tal-ħidma volontarja li qed iwettaq is-Sur John Barbara fil-preparazzjoni professjonali tal-applikazzjonijiet dwar dan il-proġett ta' restawr u ambjent aħjar fil-pajżaġġ qrib il-Kappella ta' Loretu ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill b'mod unanimu wera l-apprezzament tiegħu dwar il-ħidma volontarja tas-Sur John Barbara u qabel li l-Kunsill jibgħat ittra ta' apprezzament u ringrazzjament lis-Sur John Barbara dwar din il-ħidma volontarja.

Il-Kunsill qabel li jkompli jaħdem sabiex jinkisbu l-fondi u jitwettaq dan il-proġett kif meħtieġ.

b. Ħmieġ ta' klieb fi Triq l-Annunzjata. Is-Sur Sammut qal li qed jiġi rrappurtat lilu li qed ikun hemm dan it-tip ta' ħmieġ u jeħtieġ li jitwaħħal *bin* apposta f'din it-triq fejn jista' jintrema dan il-ħmieġ u wara jitbattal mill-kennies.

c. Ħaxix ħażin fi Triq Ħal Għaxaq. Is-Sur Sammut qal u anke ppreżenta ritratti dwar ħaxix ħażin mal-bankina li jidher li kiber sewwa u li qed jikkawża inkonvenjent kbir għar-residenti.

Is-Sindku qal li kien sejjer jieħu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex inaddfu kif ikun meħtieġ u dan sejjer isir b'urġenza.

F'dan l-istadju saret diskussjoni dwar in-nuqqas ta' tindif fit-toroq tal-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi dwar dan, il-Kunsill diġà żamm pagamenti. Il-Kunsill qabel li peress il-

kuntrattur diġà ġie infurmat dwar id-diversi nuqqasijiet u li kien qed jikser il-kuntratt, il-Kunsill għandu jnaqqas is-somma ta' 5% mill-ammont ta' €1844.58 (Mejju u Ġunju 2016) u jirrilaxxa l-bilanċ.

Dwar il-pagamenti tax-xahar ta' Awwissu 2016 li jammonta għal €922.29 il-Kunsill qabel li għandu jżomm dan il-pagament u jerġa' jinforma lill-kuntrattur dwar in-nuqqasijiet.

Il-Kunsill qabel li jerġa' jeżamina l-pożizzjoni fil-laqgħa li jmiss sabiex jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa. F'dan l-istadju s-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jara x'jista' jagħmel sabiex kull kuntrattur jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu u li jkun hemm infurzar sabiex l-obbligi tal-kuntrattur jiġu onorati u li ġol-Gudja jkun hemm aktar indafa.

3.3.2 Demelsa Grech

a. Sa Grech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-WasteServ qasmet fuljett dwar l-użu u l-aċċess fiċ-ċentri għall-iskart goff (Civic Amenity Site). Il-Kunsill iddiskuta l-limitazzjonijiet diversi fejn vettura tista' tidħol darba biss (vetturi li jidhru li għandhom użu kummerċjali), vetturi li jitħallew jidħlu sa 18-il darba f'sena bil-permess (vetturi li jistgħu li għandhom skop personali u parti kummerċjali) vetturi personali li jitħallew jidħlu bla limitu mingħajr il-ħtieġa ta' permess.

Dawn il-limitazzjonijiet sejrin joħolqu problemi għall-Kunsill peress li l-Kunsill qed iħallas għal open skip tliet darbiet fix-xahar bil-għan li n-nies tal-Gudja jkunu jistgħu jarmu dan it-tip ta' skart goff u jista' jiġri li nies barra mill-Gudja jiġu jarmu dan l-iskart u n-nies tal-Gudja ma jkunux jistgħu jinqdew għaliex l-iskip timtela fi ftit minuti. Hemm il-biża li skart goff jerġa' jibda jintefa fil-ġibjuni miftuħin jew fil-kampanja.

Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-WasteServ dwar dan bil-ħsieb li jkun hemm bdiel xieraq li jnaqqas l-effetti ħżiena fuq il-Kunsill u r-residenti tal-Gudja.

3.3.3 Stefan Caruana

a. Programm Erba' Staġuni. Is-Sur Caruana qal li l-attività li jmiss sejra ssir f'Bir Miftuħ fit-13 ta' Novembru 2016 bejn l-4.30pm u d-9.30pm. Is-Sur Caruana qal li sejjer jagħti dettalji fil-laqgħa li jmiss iżda l-ispiża tal-Kunsill tlaħħaq għal €150 li hija diġà maħsuba li tingħata lura mill-fondi speċjali mwegħda lill-Kunsill għal attivitajiet kulturali.

b. Attività tal-Malta International Organ Festival bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sur Caruana qal li din l-NGO tellgħet programmi fl-Imdina, il-Belt Valletta u l-Birgu u issa għandna possibilità li ssir attività fuq livell nazzjonali f'Bir Miftuħ. Din l-organizzazzjoni mhux titlob flus lill-Kunsill iżda tixtieq li l-Kunsill jikseb il-permess minn Din l-Art Ħelwa sabiex tintuża l-Knisja ta' Bir Miftuħ fl-24 ta' Novembru 2016. Hija x-xewqa tal-organizzaturi li l-Kunsill iħallas għas-siġġijiet. Il-Kunsill qabel dwar dan u lest li jagħmel il-ħlas dovut.

L-organizzaturi li sejrin ikollhom spiża sabiex iħallsu l-vjaġġ u akkomodazzjoni għall-mużiċisti qed joffru li jagħti b'xejn lill-Kunsill numru ta' biljetti. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Caruana u qabel ukoll li jagħmel kuntatt ma' Din l-Art Ħelwa sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

c. Binja tal-Kappillan. Is-Sur Caruana qal li minnufih il-Kunsill għandu jikseb tagħrif uffiċjali jekk din il-proprjetà tappartjenix lill-Gvern jew le għax hemm il-biża li parti mill-partimonju u storja tal-Gudja jiġġarraf u jintilef darba għal dejjem.

d. Salib tal-konfini u l-menħir. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jieħu passi sabiex jekk hemm il-permessi meħtieġa, il-Kunsill iwettaq il-proġett billi jikseb fondi dwar restawr jew skemi ta' finanzjament ieħor.

Dwar il-menħir is-Sur Caruana qal li dan għandu jkun protett u mħares sewwa u li jsiru xogħlijiet meħtieġa billi jitnaddaf il-madwar għaliex dan ukoll huwa parti mill-patrimonju storiku tal-Gudja.

e. Permessi dwar krejns jew *high-ups.* Is-Sur Caruana qal li huwa ta' importanza kbira li kull min ikollu bżonn ta' permess jiġi japplika għand il-Kunsill u għandu jkun hemm infurzar xieraq għaliex mhux sewwa li jkun hemm uħud li ma jiġux għall-permess u jabbużaw. Kull abbuż għandu jinqata' u li tinżamm l-ordni kif meħtieġ.

## 4.0 Korrispondenza

4.1 Binja minn fejn jopera u jamministra l-Kunsill. Is-Sindku għamel referenza għall-imjel mid-Direttur għall-Gvern Lokali u qal li l-Kunsill għandu jmur lura fil-bini ta' 88 Triq R. Caruana b'mod immedjat sabiex ikun konformi mad-direttiva tad-Direttur tal-Gvern Lokali. Is-Sindku qal li kienet qed issir ħidma sabiex biċċa art li fil-preżent tinsab żdingata qrib Palazzo d'Aurel tgħaddi għand il-Kunsill bil-għan li jinbeda l-proċess sabiex il-Kunsill jiżviluppa u jkollu l-bini amministrattiv tiegħu f'dan il-lok.

Is-Sur Caruana stqarr li huwa kompletament kontra din il-proposta għaliex fil-fehma tiegħu din l-art hija tant qrib bini storiku u jekk tinbena din tħassar id-dehra tal-palazz u tista' wkoll tqajjem kontroversja anke nazzjonali dwar il-ħarsien tal-ambjent storiku.

Is-Sur Caruana qal li għalkemm dan is-sit kien issemma drabi oħra qatt ma kien hemm qbil li l-iżvilupp tal-bini tal-Kunsill isir fis-sit qrib Palazzo d'Aurel. Dan is-sit jista' jiġi żviluppat bħala spazju miftuħ u li jkun komplimentari mal-bini tal-palazz.

Is-Sur Sammut ġibed l-attenzjoni li dwar il-post tal-Kunsill, fl-Att 363 dwar il-Kunsill Lokali paragrafu 48 hemm imniżżel hekk:

"Il-Kunsill ikollu uffiċċji amministrattivi tiegħu f'post li jkun magħżul minnu bl-approvazzjoni tal-Ministru u li għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd, inkluż persuni li jużaw siġġu tar-roti"

Is-Sur Sammut qal li fiċ-ċirkustanzi, jekk il-Kunsill jerġa' lura għall-bini ta' 88 Triq R. Caruana jkun qed jobdi biċċa minn dak meħtieġ u jikser biċċa oħra li fil-fehma tiegħu hija l-aktar biċċa importanti għax din tirrigwarda l-aċċessibilità speċjalment persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Fiċ-ċirkustanzi s-Sur Sammut ippropona u l-Kunsill qabel b'mod unanimu illi l-Kunsill jikteb lill-Ministru responsabbli sabiex jawtorizza lill-Kunsill li sakemm il-Kunsill jikseb lok ieħor, l-uffiċċju amministrattiv jibqa' b'mod temporanju fil-bini tal-Librerija u b'hekk ikun konformi mal-liġi anke jekk b'mod temporanju.

Dwar il-ħtieġa ta' faċilità sanitarja, issa li l-Kunsill għandu l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, ikun jista' jagħmel dak meħtieġ mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku wieġeb li "irridu nitilqu minn hawn" (jiġifieri mil-Librerija G. Zammit).

Is-Sur Caruana stqarr "allura inti trid li niksru l-liġi u noħolqu inkonvenjent serju għar-residenti, li ħafna minnhom huma anzjani?"

Is-Sindku qal li sabiex il-Kunsill jibqa' fil-librerija hemm bżonn bidla fl-użu.

Il-Kunsilliera l-oħra preżenti (barra s-Sindku) wieġbu "allura nitolbu lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinbidel parti mill-użu għaliex il-Librerija qiegħda topera u meta jkun hemm aktar spazju l-librerija topera aħjar.

Id-diskussjoni kompliet u finalment il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jispjega sewwa dwar kemm l-eżiġenzi tal-Kunsill, l-osservanza tal-liġi u dwar dak meħtieġ mir-residenti tal-Gudja sabiex ikollhom l-aħjar aċċess għall-Kunsill u s-servizzi meħtieġa minnhom.

F'dan l-istadju s-Sur Caruana qal illi għalkemm ħafna huma l-Kunsilli li l-bini amministrattiv tagħhom mhux aċċessibbli, il-Kunsill tal-Gudja għandu jkun minn ta' quddiem sabiex ikun hemm bidla fil-mentalità u jekk wegħedna l-osservanza tal-liġi li l-bini tal-Kunsill għandu jkun aċċessibbli speċjalment għal persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti, il-Kunsill tal-Gudja għandu jkun ta' quddiem li juri li verament qed jinsisti li jkollu post li jkun aċċessibbli u mhux iċedi għal xi direttiva li ma tagħtix każ għall-bżonnijiet tar-residenti li fil-bosta minnhom huma anzjani u ma jifilħux jitilgħu taraġ.

Is-Sindku qal li meta d-Direttur tal-Gvern Lokali ġie l-Kunsill ħadd mill-kunsilliera ma kienu preżenti għalkemm dawn kienu ġew infurmati dwar din iż-żjara għax kieku kellhom iċ-ċans li juru li l-Kunsill jibqa' jopera fil-librerija sakemm jinsab lok aċċessibbli għal kulħadd.

Is-Sur Caruana qal li meta r-residenti tal-Gudja jsiru jafu li l-Kunsill ikun baxxa rasu għad-Direttur li jitlaq lura fil-post li mhux aċċessibbli speċjalment għar-residenti anzjani żgur u mhux forsi jkun hemm attakk qawwi fuq il-Kunsill. Dan jista' jagħmel ħsara kbira lill-Kunsill kif ukoll lil kull Kunsillier għaliex il-Kunsill ikun injora l-aħjar interess tar-residenti b'mod ġenerali.

B'mod unanimu, il-Kunsill qabel li t-triq għal quddiem hija li ssir laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll fl-istess ħin jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali kif ikun meħtieġ.

F'dan ir-rigward il-Kunsill għandu wkoll jikseb kull għajnuna sabiex jinkiseb l-aħjar mezz sabiex il-bini tal-Kunsill ikun aċċessibbli bla ebda nuqqas jew limitazzjoni.

Is-Sur Caruana rrimarka illi dan l-aħħar il-KNPD għamlet stqarrija ċara li trid aktar aċċessibilità f'kull post għal persuni b'xi forma ta' diżabilità.

Is-Sur Caruana qal li issa l-Kunsill għandu l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-estenzjoni tal-Librerija kif ukoll permess sabiex isiru *toilet facilities* fil-librerija u għalhekk

ma jistax jifhem din id-direttiva sabiex il-Kunsill imur lura fil-lok ta' qabel waslet li ħarġet issa, meta kien hemm possibilità li l-affarijiet jirranġaw u l-pubbliku Gudjan (speċjalment l-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali) jmorru aħjar.

Is-Sindku qal li huma ma xtaqx li xi ħadd jaħseb ħażin fih għaliex għalih sew fil-librerija kif ukoll fil-post ta' 88 Triq R. Caruana huwa l-istess peress li hu ftit ħin jgħaddih fil-Kunsill iżda l-istaff amministrattiv jgħaddi ħafna ħin fl-uffiċċju minn fejn jopera l-Kunsill.

Is-Sur Caruana qal li ma jafx għaliex is-Sindku qed isabbat saqajh u ma jaċċettax li l-bini f'88 Triq R. Caruana mhux aċċessibbli. Huwa (is-Sur Caruana) jispera li ma hemmx xi aġenda moħbija f'dan ir-rigward.

Is-Sur Caruana qal li l-minuti ta' xi sena ilu li jittrattaw dan, huma ċari u ħadd ma għandu dritt ibaxxi ras il-Kunsill speċjalment meta jkun qed iħares l-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja.

## 5.0 Rapport tal-Perit tal-Kunsill dwar il-maqgħad tal-ilma fi Triq Birżebbuġa, il-Gudja

5.1 Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni li peress li kien wasal ir-rapport tal-Perit, il-Kunsill għandu jaċċetta dan ir-rapport kif preżentat u jingħalaq il-każ b'mod sodisfaċenti.

5.2 Is-Sur Sammut qal li dan ma għandux ikun għaliex il-Perit ma wieġeb xejn. Is-Sur Sammut qal iħossu sorpriż meta l-Perit qal "li saru xi xogħlijiet" meta fil-fatt kienet id-ditta tiegħu stess li kienet responsabbli dwar dan ix-xogħol. Is-Sur Sammut qal li fil-fehma tiegħu r-rapport għandu jiġi rrifjutat. Dwar din il-proposta s-Sindku wieġeb li wara l-aħħar xita l-ilma skula bla diffikultà u ma nħoloq l-ebda maqgħad tal-ilma.

Is-Sur Sammut qal li l-punt huwa "li rridu nafu sewwa kif inħolqot il-problema li l-ilma ma baqax jgħaddi fi triq ġol-kampanja għall-ġibjun ta' Ħas-Saptan".

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill ma jistax ikun kuntent u qisu ma ġara xejn dwar li l-ilma qed jinġabar fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa wara li l-Kunsill nefaq tant flus sabiex isiru t-toroq fosthom Triq Birżebbuġa.

Is-Sindku wieġeb li issa l-Kunsill irid joqgħod fuq ir-rapport tal-Perit li refa' r-responsabiltà.

Is-Sur Sammut stqarr li l-Perit ma weġibx għall-mistoqsijiet tal-Kunsill dwar kif u għaliex inħoloq il-maqgħad. Il-Perit tefa' r-responsabiltà fuq sid l-għalqa li tiġi fil-livell 'l isfel ta' dan il-maqgħad tal-ilma.

Is-Sur Sammut baqa' jinsisti li l-Perit ma qalx minn fejn ġew il-livelli.

Is-Sindku qal li ma jistax jieħu t-tort huwa għaliex kull meta tela' l-Qorti fuq każijiet simili l-Qorti infurmat li huwa l-perit li huwa responsabbli għax-xogħol u mhux is-Sindku. Għalhekk fil-fehma tiegħu huwa l-Perit li għandu jinżamm responsabbli.

Is-Sindku qal li l-Perit qal fir-rapport li t-toqob fl-għalqa huma biżżejjed. Barra minn hekk, meta tinfetaħ il-kumplament ta' Vjal it-Torri kull problema tal-għargħar tiġi solvuta.

Is-Sur Caruana qal li hija ħaġa importanti ferm li l-Kunsill isir jaf min kien responsabbli għal-livelli li fuqhom ħadmu l-kuntratturi. Is-Sur Caruana qal li sa issa l-Perit għadu ma weġibx.

Is-Sur Sammut qal li peress li rriżulta l-maqgħad tal-ilma wieħed jista' jgħid b'wiċċu bil-quddiem li x-xogħol ma sarx sewwa kif mixtieq. Iżda, is-Sur Sammut irrimarka li l-Perit ma qalx li x-xogħol sar ħażin.

Is-Sur Caruana qal li żewġ toqob ġewwa l-għalqa ma jistgħux jiġġustifikaw dwar dak li ġara u sar ħażin fi proġett ġdid.

Is-Sur Sammut baqa' jinsisti li l-Kunsill għandu jkun jaf dwar min għamel il-*finished level* tat-triq.

F'dan l-istadju Sa Grech qalet li jkun għaqli li d-diskussjoni dwar din il-materja tiġi posposta għal meta jkun preżenti l-Viċi Sindku li huwa intiż dwar din il-materja u li żgur ikun jista' jagħti l-opinjoni u l-pariri tiegħu dwar din il-materja.

Il-Kunsilliera kollha preżenti (inkluż is-Sindku) qablu li jipposponi d-diskussjoni għal meta jkun preżenti l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino.

## 6.0 <u>Ħatra ta' Bord – Aġġudikazzjoni tal-offerti (01/16 Accountancy, 02/16 Concrete, 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)</u>

6.1 Il-Kunsill qabel li jistieden lis-segwenti persuni skont l-ordni li tidher sabiex ipoġġu mal-Kunsill sabiex jirrappreżenta lir-residenti waqt l-aġġudikazzjoni ta' dawn l-offerti:

Sur Anthony Dalli
Sur Osvaldo Pace
Sur Michel Mifsud

Meta wieħed minn dawn jaċċetta li jservi f'din il-pożizzjoni għandu jiġi infurmat il-Kunsill sabiex jagħmel laqgħa b'urġenza u ssir l-għażla tal-offerti.

## 7.0 <u>Ħatra ta' Kumitat tal-Finanzi għall-Kunsill Lokali tal-Gudja</u>

7.1 Il-Kunsill qabel u ddeċieda li dan il-kumitat ikun magħmul mis-Sur John Mary Calleja, is-Sur Romeo Baldacchino, is-Sur Mark Anthony Sammut, Sa Demelsa Grech, is-Sur Stefan Caruana, is-Sur Ranier Busuttil, is-Sur Joseph M. Formosa u Sa Sara Camilleri.

7.2 Dan il-Kumitat tal-Finanzi għandu jiltaqa' skont il-ħtieġa sabiex jassigura li l-finanzi tal-Kunsill jimxu skont il-liġi u l-proċedura stabbilità.

## 8.0 <u>Lista ta' pendenzi u proġetti pendenti</u>

8.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni ta' dawn il-pendenzi u qabel li jkompli jsegwi l-progress minn żmien għal żmien.

## 9.0 <u>Approvazzjoni tal-Pagamenti</u>

9.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Ġunju u Lulju 2016 għall-ammont ta' €28.67 u €30.36 rispettivament skont kif ippreżentati.

9.2 Il-Kunsill approva din il-lista ta' pagamenti ħlief għall-pagamenti tal-Perit li jammonta għal €135.00. Il-pagament tal-kuntrattur tal-knies għandu jitnaqqas b'5%.

9.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xiri u xogħlijiet kif indikati aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

**10.0 <u>Aġġornament</u>**

10.1 Triq Rużar Formosa. Il-Kunsill qabel li jibgħat ringrazzjament u apprezzament lill-Ministru Joe Mizzi u lit-Transport Malta dwar ix-xogħol li sar f'din it-triq.

10.2 Peress li l-materja fuq l-aġenda ġiet eżawrita s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

J Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Joseph M. Formosa
*Corporate Service Executive Manager*

John Mary Calleja
Sindku

Data: ___________________